



## DEĊIŻJONI TAL-AWTORITÀ GĦALL-PARTITI POLITIĊI EWROPEJ U L-FONDAZZJONIJIET POLITIĊI EWROPEJ

tal-25 ta' Ottubru 2023

### LI TIMPONI SANZJONI LILL-PARTIT POLITIKU EWROPEW “PARTIT IDENTITÀ U DEMOKRAZIJA” (It-test bil-Franċiż biss huwa awtentiku)

#### L-AWTORITÀ GĦALL-PARTITI POLITIĊI EWROPEJ U L-FONDAZZJONIJIET POLITIĊI EWROPEJ

- *wara* li kkunsidrat it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(4) tiegħu,
- *wara* li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 224 tiegħu,
- *wara* li kkunsidrat ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej kif emendat<sup>1</sup> (minn hawn 'il quddiem ir-“Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014”), u b'mod partikolari l-Artikoli 24, 27 u 29 tiegħu,
- *wara* li kkunsidrat ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/2401 tat-2 ta' Ottubru 2015 dwar il-kontenut u t-tħaddim tar-Reġistru tal-partiti u tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej<sup>2</sup> (minn hawn 'il quddiem ir-“Regolament delegat 2015/2401”),

Billi:

#### FATTI U PROCÈDURA

- (1) Il-Partit Identità u Demokrazija, li l-uffiċċju rreġistrat tiegħu jinsab fl-indirizz 75 boulevard Haussmann, 75008 Pariġi, Franza (minn hawn 'il quddiem il-“Partit Identità u Demokrazija”), u li qabel kien magħruf bħala “Mouvement pour une Europe des Nations et des Libertés”, ġie rreġistrat bħala partit politiku Ewropew b'segwitu għal deċiżjoni tal-14 ta' Settembru 2017 (ĠU C 84, 6.3.2018, p. 5) tal-Awtorità għall-partiti

<sup>1</sup> ĠU L 317, 4.11.2014, p. 1, kif emendat bir-Regolament (UE, Euratom) 2018/673 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Mejju 2018, ĠU L 114I, 4.5.2018, p. 1, u r-Regolament (UE, Euratom) 2019/493 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 2019 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 rigward proċedura ta' verifika relatata mal-ksur ta' regoli dwar il-protezzjoni ta' data personali fil-kuntest tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, ĠU L 85I, 27.3.2019, p. 7.

<sup>2</sup> ĠU L 335, 19.12.2015, p. 50.

politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej (minn hawn 'il quddiem l-“Awtorità”).

- (2) Il-Partit Identità u Demokrazija bagħat lill-Awtorità, permezz ta' email tad-9 ta' Marzu 2022, ittra bid-data tat-2 ta' Marzu 2022 mill-President tal-Partit Identità u Demokrazija li fiha bħala anness, fost affarijiet oħra, lista tal-membri tal-uffiċċju tiegħu. Diversi persuni li qabel kienu ġew innotifikati bħala membri ta' dan l-uffiċċju, fosthom is-Sur [omissis], ma kinux għadhom inklużi fil-lista.
- (3) Madankollu, il-Partit Identità u Demokrazija kompli jirreferi għas-Sur [omissis] bħala membru tal-uffiċċju tiegħu b'mod partikolari fuq is-sit web tiegħu, kif ukoll f'pubblikazzjonijiet sussegwenti f'isem il-Partit Identità u Demokrazija u bil-logo tiegħu fuq il-midja soċjali, b'mod partikolari fid-29 ta' Marzu 2022, fl-24 ta' Mejju 2022, fil-15 ta' Ġunju 2022, fis-27 ta' Ottubru 2022, fit-30 ta' Novembru 2022 u fis-17 ta' Diċembru 2022, li jinkludu interventi pubbliċi mis-Sur [omissis] u fejn issir referenza, permezz ta' test sovrappost fuq l-immaġnijiet vidjo, għall-fatt li huwa membru tal-uffiċċju ta' dak il-partit. Dawn il-pubblikazzjonijiet fuq il-midja soċjali (minn hawn 'il quddiem il-“pubblikazzjonijiet imsemmija hawn fuq”) għadhom aċċessibbli u mhux mibdula sal-lum.
- (4) Bi tweġiba għal talba għal informazzjoni permezz ta' email tat-23 ta' Marzu 2023 mill-Awtorità, li kienet ikkonstatat waqt it-twertiq ta' kontrolli regolari, inkonsistenzi bejn l-informazzjoni riċevuta direttament u dik disponibbli pubblikament, il-Partit Identità u Demokrazija indika, fit-30 ta' Marzu 2023, li ma kien hemm l-ebda bidla fil-kompożizzjoni tal-uffiċċju tiegħu mill-email tad-9 ta' Marzu 2022.
- (5) Fuq talba għal informazzjoni addizzjonali mill-Awtorità permezz tal-email tal-31 ta' Marzu 2023 li tikkonċerna speċifikament il-kwistjoni li s-Sur [omissis] issemma bħala membru tal-uffiċċju fuq is-sit web tal-Partit Identità u Demokrazija, fejn intalbet, fost affarijiet oħra, rapport kronoloġiku tal-istatus tiegħu bħala membru tal-uffiċċju, il-Partit Identità u Demokrazija wieġeb, permezz ta' email fl-istess jum, li s-Sur [omissis] ma kienx għadu membru tal-uffiċċju iżda, minħabba raġunijiet tekniċi relatati ma' fornitur tas-servizzi tiegħu, il-partit ma setgħax jaġġorna s-sit web tiegħu. Il-Partit Identità u Demokrazija żied li l-pubblikazzjoni se tiġi aġġornata malajr kemm jista' jkun. Ir-rapport kronoloġiku mitlub ma kienx inkluż fir-risposta.
- (6) Ikkuntattjat mill-ġdid permezz ta' email tat-3 ta' April 2023 mill-Awtorità b'talba għal informazzjoni addizzjonali dwar l-allegati kwistjonijiet tekniċi u tfakkira biex jiġi pprovdut rapport kronoloġiku sħiħ tal-istatus tas-Sur [omissis] bħala membru tal-uffiċċju, il-Partit Identità u Demokrazija wieġeb, permezz ta' email fl-istess jum, li s-Sur [omissis] kien membru tal-uffiċċju mill-20 ta' Settembru 2019 sas-16 ta' Frar 2022 u li l-inklużjoni tiegħu fuq is-sit web tal-partit wara dik id-data kienet dovuta, inizjalment, għal żball u, sussegwentement, għal problemi tekniċi. Il-Partit Identità u Demokrazija żied jgħid li wara t-terminazzjoni tal-kuntratt ta' kooperazzjoni mal-fornitur tas-sit web, ma kienx possibbli li jsiru bidliet fis-sit web fil-futur immedjat.

#### *Investigazzjoni tal-Awtorità*

- (7) Permezz ta' ittra tal-14 ta' Ġunju 2023, l-Awtorità infurmat lill-Partit Identità u Demokrazija bil-ftuħ ta' investigazzjoni dwaru b'rabta ma' informazzjoni

potenzjalment mhux preċiża dwar il-kompożizzjoni tal-uffiċċju tiegħu u esponiet il-fatti magħrufa lilha f'dak l-istadju, b'mod partikolari l-kontradizzjoni bejn ir-risposti mibgħuta direttament lill-Awtorità u l-pubblikazzjonijiet fuq is-sit web u l-midja soċjali li l-Awtorità kienet identifikat, dwar l-istatus tas-Sur [omissis] bħala membru tal-uffiċċju wara s-16 ta' Frar 2022. Ġiet ikkomunikata wkoll klassifikazzjoni ġuridika provviżorja mill-Awtorità, li indikat li dan ikun ksur li jwassal għal sanzjoni f'konformità mal-Artikolu 27(2)(a)(vi) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014. L-Awtorità tat lill-Partit Identità u Demokrazija l-opportunità li jippreżenta l-kummenti u jieħu azzjoni korrettiva f'konformità mal-Artikolu 29 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 sal-14 ta' Lulju 2023.

- (8) Fir-risposta tiegħu tat-13 ta' Lulju 2023, il-Partit Identità u Demokrazija jargumenta li l-informazzjoni mibgħuta lill-Awtorità fid-9 ta' Marzu 2022 dwar il-kompożizzjoni tal-uffiċċju tiegħu kien fiha *“ommissjoni involontarja”*, iżda *“biex ma nikkontradixxux l-informazzjoni sottomessa lill-Awtorità, u bil-kunsens tas-Sur [omissis], ma bqajniex inqisuh membru tal-uffiċċju tal-partit”* mis-16 ta' Frar 2022.

Fir-rigward tal-pubblikazzjonijiet, il-Partit Identità u Demokrazija jqis li huwa kien espost għal *force majeure* minħabba li s-sit web u l-pubblikazzjonijiet fuq il-midja soċjali kienu ġestiti minn fornituri tas-servizzi. B'mod partikolari fir-rigward tas-sit web, il-Partit Identità u Demokrazija rrikonoxxa li huwa kellu jaġixxi aktar malajr u jħassar l-isem tas-Sur [omissis], iżda żid jgħid li t-terminazzjoni tal-kuntratt mal-fornitur li kien jospita s-sit web *“[...] għamlitha teknikament impossibbli li ssir xi modifika fiż-żmien tal-korrispondenza bejn l-Awtorità u l-partit”*. Fir-rigward tal-pubblikazzjonijiet fuq il-midja soċjali, dawn ma jsirux mill-partit iżda mill-fornitur responsabbli għall-*“ġestjoni komunitarja tal-partit”*, li *“[...] ibbaża ruħu fuq l-informazzjoni disponibbli fuq is-sit web tal-Partit ID biex joħloq kontenut, b'mod partikolari permezz ta' strixxuni spjegattivi, rapporti, riproduzzjonijiet ta' diskorsi u interventi oħra mill-membri tal-partit”*. Fl-aħħar nett, il-Partit Identità u Demokrazija jargumenta li *“... qatt ma kienet l-intenzjoni tal-Partit ID li jqarraq bil-pubbliku. Fil-fatt, il-gwadann li nistgħu niksbu minn dan ikun kważi zero”*.

Fir-rigward tal-miżuri korrettivi li l-Awtorità kienet tatu l-opportunità li jieħu, il-Partit Identità u Demokrazija ddikjara li kien iddeċieda f'laqgħa tat-13 ta' Ġunju 2023 li jstabbilixxi sit web ġdid. Il-Partit Identità u Demokrazija ddikjara li ddiżattiva wkoll is-sit web tiegħu u ħassar il-pubblikazzjonijiet fuq il-midja soċjali msemmija hawn fuq. Barra minn hekk, il-Partit Identità u Demokrazija tenna l-kompożizzjoni tal-uffiċċju tiegħu fid-data tal-ittra tiegħu mingħajr ma inkluda lis-Sur [omissis], ħabbar ix-xewqa li *“jipprofessjonalizza l-partit”*, jiġifieri jafda speċjalista bil-monitoraġġ sistematiku tal-informazzjoni pprovduta mill-Partit Identità u Demokrazija, u ppropona laqgħa bejn il-president tiegħu u d-direttur tal-Awtorità

- (9) L-Awtorità, permezz ta' ittra tal-11 ta' Settembru 2023, filwaqt li qieset il-kummenti pprovduti u r-riċerka tagħha stess, bagħtet lill-Partit Identità u Demokrazija l-fatti kkonstatati sa dik id-data. L-awtorità ppreżentat ukoll il-konklużjoni provviżorja tagħha li s-sitwazzjoni ta' komunikazzjonijiet kontradittorji, mhux preċiżi u mhux kompluti ma ġietx rimedjata u, b'mod partikolari, irreferiet għall-fatt li għall-kuntrarju tad-dikjarazzjonijiet tal-Partit Identità u Demokrazija, il-pubblikazzjonijiet fuq il-midja soċjali msemmija hawn fuq ma kinux tneħħew jew ġew ikkoreġuti fir-rigward tal-istatus tas-Sur [omissis] bħala membru tal-uffiċċju. Fi klassifikazzjoni ġuridika provviżorja riveduta li tqis dawn l-elementi kollha, l-Awtorità qieset li l-kundizzjonijiet għal sanzjoni skont l-Artikolu 27(2)(a)(iv) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru

1141/2014 għall-ksur tal-Artikolu 24(4) ta' dak ir-Regolament kienu ġew issodisfati. F'konformità mal-Artikolu 34 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, qabel ma pproċediet għad-deċiżjoni tagħha, l-Awtorità tat lill-Partit Identità u Demokrazija l-opportunità li jissottometti kwalunkwe kumment jew element f'dan ir-rigward, inizjalment sal-25 ta' Settembru 2023.

(10) Permezz ta' email tal-21 ta' Settembru 2023, il-Partit Identità u Demokrazija talab estensjoni tal-iskadenza, li nġhatat l-għada permezz ta' email mill-Awtorità.

(11) Permezz ta' email oħra tal-21 ta' Settembru 2023, segwita minn email ta' rettifika tat-22 ta' Settembru 2023, il-Partit Identità u Demokrazija informa lill-Awtorità li s-Sur [omissis] kien membru ġdid tal-uffiċċju tal-partit b'effett mit-13 ta' Settembru 2023.

(12) Permezz ta' ittra tat-28 ta' Settembru 2023 iffirmata mill-president tiegħu, il-Partit Identità u Demokrazija eżerċita d-dritt tiegħu li jinstema' u ppreżenta, l-ewwel nett, dokument bit-titlu "*Minuti tal-laqgħa tal-uffiċċju tal-Partit ID*", iffirmat ukoll mill-president tal-Partit Identità u Demokrazija u bid-data tas-16 ta' Frar 2022, ifformulat kif ġej:

« [...] 7. *Membru ġdid tal-uffiċċju*

*Il-membri tal-uffiċċju ġew infurmati dwar it-tluq tas-Sur [omissis] mill-Partit ID u r-riżenja tas-Sur [omissis] mill-uffiċċju tal-Partit ID.*

*Is-Sur [omissis] ġie aċċettat unanimament bħala membru tal-uffiċċju tal-Partit ID. L-uffiċċju tal-assoċjazzjoni issa huwa kompost kif ġej: [...]*".

Isem is-Sur [omissis] la jidher fost il-membri li rriżenjaw u lanqas ma jidher fost il-membri tal-uffiċċju kif "*issa huwa kompost*". Skont l-ittra tat-28 ta' Settembru 2023 tal-Partit Identità u Demokrazija, għandu jiġi konkluż li kien "*fil-mument tat-tfassil ta' dawn il-minuti u mhux fil-mument tal-preżentazzjoni tal-informazzjoni li seħħ l-iżball. Madankollu, il-minuti tal-laqgħat huma awtentiċi fin-nuqqas ta' prova kuntrarja*". Il-Partit Identità u Demokrazija jagħmel referenza wkoll għall-ġurisprudenza tal-Istat Membru fejn tinsab is-sede tiegħu.

It-tieni, fir-rigward tas-sottomissjonijiet tat-30 u l-31 ta' Marzu 2023 u tat-3 ta' April 2023, il-Partit Identità u Demokrazija jsostni li dawn kienu "*korretti, kompluti u jikkorrispondu għall-minuti*".

It-tielet, fir-rigward tal-komunikazzjonijiet pubbliċi tal-Partit Identità u Demokrazija li jkomplu jsemmu lis-Sur [omissis] bħala membru tal-uffiċċju tiegħu, il-Partit Identità u Demokrazija huwa tal-fehma li "*fl-ebda mument l-informazzjoni pprovduta lill-Awtorità fuq talba tagħha ma kienet kontradetta, mhux preċiża jew inkompleta. L-awtorità setgħet għalhekk tinjora jew tikkunsidra bħala irrelevanti l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku dwar il-kompożizzjoni tal-uffiċċju*". Il-partit iżid jgħid li, "*peress li l-komunikazzjoni tal-partiti politiċi Ewropej lill-pubbliku hija ta' importanza partikolari f'demokrazija, iddeċidejna li nżommu l-interventi pubbliċi tas-Sur [omissis] fuq il-mezzi tal-midja soċjali tagħna, bħala valur miżjud importanti għad-dibattitu pubbliku Ewropew, anke jekk ippreżentat bħala membru tal-uffiċċju u mhux eks membru tal-uffiċċju tal-Partit ID*". Il-partit jargumenta wkoll li "*r-responsabbiltà għall-pubblikazzjoni ta' informazzjoni meqjusa ta' interess pubbliku sinifikanti hija, skont il-leġiżlatur, tal-korpi pubbliċi Ewropej u mhux tal-partiti politiċi Ewropej. L-ebda qafas regolatorju adottat abbażi tar-Regolament 1141/2014 ma joħloq obbligi dwar l-informazzjoni li għandha tiġi ppubblikata fuq is-siti web tagħhom. Madankollu, ir-Regolament Delegat (UE, Euratom) 2015/2401 jistabbilixxi obbligi relatati mas-sit web tal-Awtorità*".

*Minkejja dan, fuq talba tal-Awtorità, il-korrezzjonijiet fuq is-sit web saru hekk kif inħoloq is-sit web il-ġdid. Ġie ppruvat lill-Awtorità, permezz ta' emails preċedenti, li s-sit web preċedenti ma setax jiġi aġġornat fl-2023. Għalhekk dan ġie diżattivat għad-detriment tad-dritt taċ-ċittadini Ewropej li jiġu infurmati dwar l-attivitatijiet tal-partiti politiċi Ewropej”.*

Fl-aħħar nett, il-Partit Identità u Demokrazija jibbaża ruħu fuq il-formulazzjoni tal-Artikolu 24(4) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 u jirreferi għall-*“informazzjoni mitluba”* u jemmen li għalhekk huwa *“[...] impossibbli li jitwettaq ksur ta' dak l-Artiklu bil-pubblikazzjoni ta' informazzjoni fuq sit web jew vidjo fuq il-midja soċjali”*.

F'konformità mal-Artikolu 12 tal-istatut tal-Partit Identità u Demokrazija, il-president jirrappreżenta bi dritt lill-partit, partikolarment fl-atti kollha ta' rappreżentanza amministrattiva, finanzjarja u legali.

- (13) Filwaqt li kkonstatat fatt rilevanti addizzjonali f'din l-aħħar ittra, jiġifieri li l-Partit Identità u Demokrazija ddeċieda li jżomm il-pubblikazzjonijiet imsemmija hawn fuq fuq il-midja soċjali fejn hemm referenza għall-allegat status tas-Sur [omissis] bħala membru tal-uffiċċju tiegħu, minkejja li fid-dati tal-pubblikazzjoni huwa ma kienx membru tal-uffiċċju skont id-dikjarazzjonijiet tal-partit stess, l-Awtorità infurmat lill-Partit Identità u Demokrazija, b'ittra tal-11 ta' Ottubru 2023, li hija kienet tqis li dan il-fatt addizzjonali kien rilevanti peress li seta' jagħti lok għal sanzjoni skont l-Artikolu 27(2)(a)(vi) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 u tatu l-opportunità, f'konformità mal-Artikolu 34 ta' dak ir-Regolament, li jeżerċita dritt supplimentari li jinstema' dwar din il-kwistjoni qabel ma tittieħed deċiżjoni. L-Awtorità fakkret ukoll, f'din l-ittra, li d-deċiżjoni(jiet) tal-Awtorità bl-ebda mod ma teskludi/jeskludu l-miżuri meħuda mill-Uffiċċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew u/jew mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.
- (14) Fis-17 ta' Ottubru 2023, il-Partit Identità u Demokrazija talab estensjoni tal-iskadenza għall-eżerċizzju ta' dan id-dritt supplimentari li jinstema', li nġhatat permezz ta' email mill-Awtorità fl-istess jum.
- (15) Fit-18 ta' Ottubru 2023, il-Partit Identità u Demokrazija ppreżenta t-tieni talba għal estensjoni tal-iskadenza għall-eżerċizzju ta' dan id-dritt supplimentari li jinstema' sat-23 ta' Ottubru 2023. L-Awtorità talbet lill-Partit Identità u Demokrazija jipprovdi raġunijiet bil-miktub għal din it-tieni talba, u fin-nuqqas ta' dan, din kellha tiġi miċħuda bħala dilatorja. Bi tweġiba bl-email fl-istess jum, il-Partit Identità u Demokrazija ġġustifika t-tieni talba tiegħu abbażi tal-konsegwenzi ta' sanzjoni eventwali prevista mill-Awtorità fir-rigward tat-talba tiegħu għal finanzjament ippreżentata lill-Parlament Ewropew għall-2024 fid-dawl tal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, u indika x-xewqa tiegħu li jippreżenta abbozz ta' tweġiba lill-uffiċċju tal-partit għall-approvazzjoni. L-Awtorità tat l-approvazzjoni tagħha wkoll għal din it-tieni talba għal estensjoni tal-iskadenza.
- (16) Permezz ta' email tat-23 ta' Ottubru 2023, il-Partit Identità u Demokrazija eżerċita d-dritt supplimentari tiegħu li jinstema'. Il-Partit Identità u Demokrazija sostna, minn naħa, li l-informazzjoni sottomessa direttament lill-Awtorità permezz tal-indirizz elettroniku tiegħu biss kienet tidħol fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 24(4) u 27(2)(a)(vi), tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, u li din kienet korretta. Il-Partit Identità u Demokrazija żied jgħid li, fiż-żmien tal-ftuħ tal-investigazzjoni mill-

Awtorità, l-Awtorità ma setgħetx tħossħa mqarrqa mill-pubblikazzjonijiet fuq il-midja soċjali “[...] *li jikkostitwixxu forma ta’ komunikazzjoni mal-votanti u l-abbonati tagħna u mhux mal-amministrazzjonijiet u l-korpi pubbliċi*”. Il-miżuri mħabbra fl-ittra tat-13 ta’ Lulju 2023 ma kinux, skont il-Partit Identità u Demokrazija, miżuri korrettivi skont it-tifsira tal-Artikolu 29 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, iżda kienu miżuri ta’ sens komun. Min-naħa l-oħra, il-Partit Identità u Demokrazija jemmen li d-dikjarazzjonijiet pubbliċi tiegħu, min-naħa tagħhom, huma protetti mil-libertà tal-espressjoni tal-partit, u huma abbużivi biss fil-każijiet previsti mil-liġi. Il-Partit Identità u Demokrazija jemmen f’dan ir-rigward li “*l-kummenti riprodotti fuq il-midja soċjali tagħna, anke jekk mhux preċiżi, ma jaqgħu taħt l-ebda wieħed minn dawn il-każijiet. Din hija informazzjoni għall-pubbliku u mhux ipprovduta intenzjonalment lill-Awtorità*”. Il-Partit Identità u Demokrazija żied jgħid li, fil-fehma tiegħu, ma seta’ jintwera l-ebda dannu li jiġġustifika l-applikazzjoni tal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014.

## EŻAMI TAL-FATTI MILL-AWTORITÀ FID-DAWL TAL-QAFAS LEGALI

(17) L-Artikolu 24(4) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, jgħid li:

*“Il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej għandhom jaqgħu kwalunkwe informazzjoni mitluba mill-Awtorità, mill-Uffiċċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew, mill-Qorti tal-Awdituri, mill-Uffiċċju Ewropew kontra l-Frodi (OLAF) jew mill-Istati Membri li tkun meħtieġa għall-iskop li jitwettqu kontrolli li għalihom ikunu responsabbli skont dan ir-Regolament.”*

(18) L-Artikolu 27(2)(a) huwa fformulat kif ġej:

*“2. L-Awtorità għandha timponi sanzjonijiet finanzjarji fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:*

*(a) ksur mhux kwantifikabbli:*

[...]

*(iv) meta partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea jkunu kisru l-obbligi stipulati fl-Artikolu 23(1) jew fl-Artikolu 24(4);*

[...]

*(vi) meta l-partit politiku Ewropew jew il-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati jkunu fi kwalunkwe ħin bi ħsieb naqsu milli jaqgħu informazzjoni jew bi ħsieb taw informazzjoni mhix korretta jew qarrieqa, [...]”.*

(a) L-Artikoli 24(4) u 27(2)(a)(iv) tar-Regolament.

*Ħtieġa li tkun magħrufa l-kompożizzjoni tal-uffiċċju għall-kontrolli min-naħa tal-Awtorità*

(19) L-identità u r-rapport kronoloġiku tal-funzjonijiet tal-persuni li huma membri ta’ korpi jew li jwettqu funzjonijiet b’setgħat ta’ rappreżentanza amministrattiva, finanzjarja u legali huma rilevanti għall-kontrolli li l-Awtorità hija kompetenti għalihom, kif affermat b’mod partikolari mill-Artikolu 3(3); l-Artikolu 7(2)(a); l-Artikolu 8(3); l-Artikolu 9(5); l-Artikolu 10(1) u l-Artikolu 24(2) l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, kif ukoll l-Artikolu 1(4)(m) u l-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni tat-2 ta’ Ottubru 2015 dwar il-kontenut u t-tħaddim tar-Reġistru tal-partiti u tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej. Dan jgħodd, f’dan il-każ, għall-membri kollha tal-uffiċċju tal-Partit Identità u Demokrazija, peress li l-

istatut ta' dan il-partit, fl-Artikolu 11(1) tiegħu, jistabbilixxi li “*l-Uffiċċju għandu jkun mogħni bl-aktar setgħat estensivi biex jamministra l-assoċjazzjoni, fil-limiti tal-għan tagħha u soġġett għall-assemblea ġenerali. Huwa għandu jawtorizza lill-president(i) biex jieħu/jieħdu azzjoni legali. Huwa għandu jaħtar il-president, it-teżorier u l-viċi presidenti eventwali tal-assoċjazzjoni. B'mod partikolari, huwa għandu jieħu d-deċiżjonijiet kollha relatati mal-użu tal-fondi, il-kiri ta' bini [...], il-ġestjoni tal-persunal. L-Uffiċċju għandu jiddefinixxi l-orjentazzjonijiet ewlenin tal-assoċjazzjoni. Huwa għandu japprova l-kontijiet annwali tal-assoċjazzjoni*”. Il-mistoqsijiet tal-Awtorità lill-Partit Identità u Demokrazija fit-23 u l-31 ta' Marzu 2023 u fit-3 ta' April 2023 kienu għalhekk meħtieġa għall-kontrolli min-naħa tal-Awtorità.

#### *Tweġibiet mhux kompluti lill-Awtorità*

- (20) Fl-emails tiegħu tat-30 u l-31 ta' Marzu u tat-3 ta' April 2023, il-Partit Identità u Demokrazija wieġeb lill-Awtorità b'informazzjoni mhux kompluta għall-mistoqsijiet imressqa. Fil-fatt, kif stqarr il-Partit Identità u Demokrazija wara li l-investigazzjoni kienet diġà nfetħet, il-fatt li s-Sur *[omissis]* ma kienx inkluż fil-lista tal-membri tal-uffiċċju fl-ittra tat-2 ta' Marzu 2022, mibgħuta lill-Awtorità fid-9 ta' Marzu 2022 u għal darb'oħra mehmuża mal-email tat-30 ta' Marzu 2023, kien inizjalment dovut għal żball. Madankollu, l-emails tat-30 u l-31 ta' Marzu u tat-3 ta' April 2023 tal-Partit Identità u Demokrazija ma jsemmu l-ebda żball jew partikolarità oħra dwar iċ-ċirkustanzi li fihom is-Sur *[omissis]* ma baqax jagħmel parti mill-uffiċċju tal-partit.
- (21) B'mod aktar preċiż, l-email tat-30 ta' Marzu 2023 sempliċement indikat li ma kienet saret ebda bidla fil-kompożizzjoni tal-uffiċċju mill-ittra tat-2 ta' Marzu 2022, li kienet mehmuża ma' din l-email, mingħajr ebda kumment dwar l-inkoerenza bejn din l-informazzjoni mibgħuta lill-Awtorità u l-pubblikazzjonijiet tal-partit li l-Awtorità kienet madankollu indikat fil-mistoqsija tagħha tat-23 ta' Marzu 2023. Wara l-mistoqsijiet addizzjonali tal-Awtorità permezz ta' email tal-31 ta' Marzu 2023 b'mod aktar speċifiku dwar is-Sur *[omissis]*, inkluż rigward ir-rapport kronoloġiku tal-istatus tiegħu bħala membru tal-uffiċċju tal-Partit Identità u Demokrazija, l-email ta' risposta fl-istess jum ma poġġietx għad-dispożizzjoni tal-Awtorità r-rapport kronoloġiku mitlub dwar l-istatus tas-Sur *[omissis]* bħala membru tal-uffiċċju u, wara tfakkira, fl-email tat-3 ta' April 2023 sempliċement intqal, mingħajr ebda kjarifika ulterjuri, li l-mandat tas-Sur *[omissis]* dam mill-20 ta' Settembru 2019 sas-16 ta' Frar 2022, mingħajr indikazzjoni taċ-ċirkustanzi partikolari, bħall-iżball allegat fir-rigward tat-tmiem tal-mandat tas-Sur *[omissis]*, il-“qbil” tiegħu li ma jibqax jitqies bħala membru tal-uffiċċju msemmi fl-ittra tal-Partit Identità u Demokrazija tat-13 ta' Lulju 2023, jew saħansitra l-minuti apparentement żbaljati iżda madankollu awtentiċi, li ġew ippreżentati għall-ewwel darba matul l-investigazzjoni fl-ittra tat-28 ta' Settembru 2023.
- (22) Kuntrarjament għall-pożizzjoni meħuda mill-Partit Identità u Demokrazija fl-ittra tiegħu tat-28 ta' Settembru 2023, il-minuti ppreżentati mill-ġdid bħala anness ma' din l-ittra ma jittrasformawx retroattivament in-nuqqas ta' kompletzza tat-tweġibiet mibgħuta mit-30 ta' Marzu sat-3 ta' April 2023 f'informazzjoni sodisfaċenti. Peress li, anki jekk wieħed jassumi li l-minuti huma awtentiċi fin-nuqqas ta' prova kuntrarja skont id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru li fih tinsab is-sede, kif jallega l-Partit Identità u Demokrazija, l-Awtorità, li, skont l-Artikolu 24 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, ma tapplikax id-dritt nazzjonali, tista' biss tikkonstata li l-formulazzjoni attwali tal-minuti ppreżentati ma ssemmix lis-Sur *[omissis]*, la bħala membru li rriżenja

u lanqas bħala membru attwali. Filwaqt li dawk il-minuti għalhekk isostnu l-konklużjoni li s-Sur [omissis] ma kienx membru tal-uffiċċju tal-Partit Identità u Demokrazija fis-16 ta' Frar 2022, huma jqajmu wkoll dubju dwar il-fatt jekk is-Sur [omissis] kienx membru tal-uffiċċju tal-Partit Identità u Demokrazija qabel dik id-data, li kienet ġiet indikata mill-Partit Identità u Demokrazija lill-Awtorità bħala d-data tat-tmiem tal-funzjonijiet tiegħu. Dawn il-minuti, jew tal-anqas spjegazzjoni taċ-ċirkustanzi rilevanti tal-laqgħa tal-uffiċċju tas-16 ta' Frar 2022, kellhom għalhekk jiġu ppreżentati lill-Awtorità bi tweġiba għall-email tagħha tat-23 ta' Marzu 2023, aktar u aktar wara l-email tagħha tal-31 ta' Marzu 2023 fejn hija talbet ir-rapport knronologiku tal-istatus tas-Sur [omissis] bħala membru tal-uffiċċju, iżda madankollu dan ma kien il-każ fl-ebda waħda mit-tweġibiet tat-30 u l-31 ta' Marzu 2023 u tat-3 ta' April 2023.

- (23) Il-Partit Identità u Demokrazija, minkejja l-mistoqsijiet preċiżi tal-Awtorità, ippreżenta verżjoni mqassra tal-fatti, u ppreġudika parzjalment l-eżami li l-Awtorità setgħet twettaq tal-kompożizzjoni tal-uffiċċju ta' dak il-partit kieku ċ-ċirkostanzi partikolari tal-mandat tas-Sur [omissis] fi ħdan il-uffiċċju kienu ġew żvelati matul l-investigazzjoni bi tweġiba għall-mistoqsijiet tat-23 u l-31 ta' Marzu u tat-3 ta' April 2023.
- (24) It-tweġibiet ipprovduti lill-Awtorità fit-30 u l-31 ta' Marzu u fit-3 ta' April 2023 għalhekk ma kinux kompluti.

*Tweġibiet mogħtija lill-Awtorità kontradetti mill-pubblikazzjonijiet tal-Partit Identità u Demokrazija*

- (25) Il-komunikazzjonijiet mill-Partit Identità u Demokrazija mibgħuta direttament lill-Awtorità bejn it-30 ta' Marzu 2023 u t-3 ta' April 2023 rigward il-kompożizzjoni tal-uffiċċju tiegħu wara s-16 ta' Frar 2022 kienu wkoll kontradetti minn bosta publikazzjonijiet dwar l-istess suġġett u perjodu fuq is-sit web u l-kontijiet tal-midja soċjali tal-Partit Identità u Demokrazija.

– Imputabbiltà ta' publikazzjonijiet lill-Partit Identità u Demokrazija

- (26) Il-komunikazzjonijiet pubbliċi msemmija hawn fuq huma kompletament imputabbli lill-Partit Identità u Demokrazija. B'mod partikolari, għall-kuntrarju tal-pożizzjoni tal-Partit Identità u Demokrazija espressa fl-ittra tiegħu tat-13 ta' Lulju 2023, att ta' *force majeure* huwa eskluż peress li l-atti u l-ommissjonijiet tal-fornituri mqabnda minn u għall-Partit Identità u Demokrazija, fl-eżerċizzju tal-missjoni ta' komunikazzjoni tagħhom, ma jirrappreżentawx esternalità imprevedibbli jew insormontabbli.
- (27) Id-diżattivazzjoni sussegwenti tas-sit web turi li l-Partit Identità u Demokrazija baqa' fil-kontroll ta' dan il-mezz ta' komunikazzjoni u qatt ma kien imġiegħel iżomm informazzjoni qarrieqa disponibbli għall-pubbliku. Fir-rigward tal-pubblikazzjonijiet fuq il-midja soċjali, il-Partit Identità u Demokrazija ma jistax jiddependi fuq l-ineżattezza tal-preżentazzjoni tiegħu stess fuq is-sit web biex jeżenta l-iżbalji mwettqa mill-fornituri tas-servizzi tal-midja soċjali f'ismu. B'mod partikolari, il-partit Identità u Demokrazija jista' jinforma lill-fornituri tiegħu dwar il-kompożizzjoni aġġornata tal-uffiċċju tiegħu, u jħassar jew jikkoreġi l-pubblikazzjonijiet qarrieqa. Għall-kuntrarju, il-fatt li l-fornituri tiegħu bbażaw ruħhom fuq il-kontenut ta' sit web li huwa stess kien żbaljat, kif isostni l-Partit Identità u Demokrazija fl-ittra tiegħu tat-13 ta' Lulju 2023,



juri nuqqas min-naħa tal-partit fis-sistemi ta' kontroll intern neċessarji sabiex tiġi żgurata l-veraċità u l-affidabbiltà tal-kontenut ikkomunikat f'isimha.

- (28) Fl-email tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2023, il-Partit Identità u Demokrazija jikkonferma barra minn hekk li l-pubblikazzjonijiet huma imputabbli lilu, hekk kif jinvoka l-libertà tal-espressjoni tal-partit fir-rigward tagħhom.
- Relevanza tal-pubblikazzjonijiet tal-Partit Identità u Demokrazija
- (29) Id-dispożizzjoni tal-Artikolu 24(4) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 jirreferi għall-*“informazzjoni mitluba”* li għandha tiġi pprovduta lill-Awtorità fuq talba tagħha *“għall-iskop li jitwettqu kontrolli”*. Il-formulazzjoni tar-Regolament b'hekk tesprimi l-preċiżjoni, il-kompletezza u l-koerenza mistennija tar-risposta għall-mistoqsijiet li jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenza tal-Awtorità. Fil-fatt, *“informazzjoni mitluba”* hija – kemm f'termini ta' terminoloġija kif ukoll fir-rigward tal-iskop li l-Awtorità tingħata l-informazzjoni li tippermettilha twettaq il-kontrolli li hija għandha twettaq – komunikazzjoni fattwalment eżatta, mingħajr omissjonijiet manifestament rilevanti, u għalhekk neċessarjament konsistenti mal-komunikazzjonijiet dwar l-istess suġġett matul l-istess perijodu, irrispettivament mill-kanal ta' komunikazzjoni.
- (30) B'hekk il-komunikazzjoni pubblika mhijiex eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 24(4) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014. L-ewwel nett din tagħmel parti mill-kamp ta' applikazzjoni minħabba li dan huwa metodu ta' trażmissjoni *erga omnes*, li għalhekk japplika wkoll għall-Awtorità. It-tieni nett, il-komunikazzjoni pubblika tal-partiti politiċi Ewropej tidħol f'dan il-kamp ta' applikazzjoni minħabba li l-Awtorità hija meħtieġa tiżgura l-affidabbiltà ta' risposta li tingħata b'mod dirett, inkluża u fuq kollox b'paragun mal-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku. It-tielet nett, il-komunikazzjoni pubblika tal-partiti politiċi Ewropej tidħol f'dak il-kamp ta' applikazzjoni minħabba li r-risposta mibgħuta direttament lill-Awtorità, anki f'każijiet fejn din tkun fattwalment korretta meta meqjusa weħedha, ma tistax tkun kompluta, koerenti u għalhekk utli għall-finijiet ta' kontroll tal-Awtorità jekk b'mod parallel il-partit politiku Ewropew jikkontradixxiha pubblikament anki wara li jkun wieġeb lill-Awtorità.
- (31) Qari tal-Artikolu 24(4) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 li ma jqisx il-pubblikazzjonijiet tal-partiti politiċi Ewropej, kif jissuġġerixxi l-Partit Identità u Demokrazija, imur ukoll kontra l-loġika sottostanti tal-komunikazzjonijiet lill-Awtorità, li fl-aħħar mill-aħħar, huma ta' benefiċċju wkoll għall-pubbliku permezz tas-servizzi ta' trasparenza pprovduti mill-Awtorità abbażi tagħhom. Fil-fatt, il-komunikazzjoni lill-pubbliku ta' informazzjoni dwar fatti strutturali u finanzjarji tal-partiti politiċi Ewropej hija ta' importanza partikolari għall-ħajja demokratika, u dan huwa rikonoxxut ukoll mir-Regolament, li għandu l-għan li jipproteġi l-integrità demokratika għall-benefiċċju ta' ċittadini tal-Unjoni. Din ir-responsabbiltà ta' veraċità, ta' kompletezza u ta' koerenza hija tal-partiti politiċi Ewropej inkwantu sors ewlieni ta' informazzjoni tal-Awtorità, deskritt mil-leġiżlatur fil-premessa 33 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 bħala *“[...]r-responsabbiltà demokratika [tagħhom]”*, b'mod partikolari fir-rigward ta' *“informazzjoni li titqies li tkun ta' interess pubbliku sostanzjali, marbuta b'mod notevoli mal-istatuti tagħhom, is-sħubija, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji, id-donaturi u d-donazzjonijiet tagħhom, il-*

*kontribuzzjonijiet u l-għotjiet irċevuti*” Madankollu, il-kompożizzjoni tal-uffiċċju hija preċiżament parti mill-informazzjoni ta’ interess pubbliku sinifikattiv u għalhekk hija akkumpanjata minn obbligu ta’ pubblikazzjoni permezz tal-Awtorità skont ir-Regolament. Għall-kuntrarju tal-pożizzjoni spjegata mill-Partit Identità u Demokrazija fl-ittra tiegħu tat-28 ta’ Settembru 2023, l-Awtorità għalhekk ma tistax tinjora jew tqis irrelevanti, fil-kuntest tal-Artikolu 24(4) tar-Regolament, informazzjoni disponibbli għall-pubbliku dwar il-kompożizzjoni ta’ korp amministrattiv li, matul perjodu konsiderevoli ta’ żmien, manifestament tikkontradixxi komunikazzjoni mibgħuta direttament lill-Awtorità mill-istess partit politiku Ewropew dwar l-istess suġġett u matul l-istess perjodu ta’ żmien.

- (32) Il-pożizzjoni tal-Partit Identità u Demokrazija fl-ittra tiegħu tat-28 ta’ Settembru 2023, li tgħid li l-obbligi ta’ pubblikazzjoni fi kwalunkwe każ huma imposti biss fuq l-Awtorità, hija irrelevanti għall-analiżi tal-każ preżenti. Anki jekk fl-istat attwali tal-liġi, partit politiku Ewropew ma għandux l-obbligu li jinforma lill-pubbliku dwar kwistjonijiet li huma ppublikati mill-Awtorità f’konformità mal-Artikolu 32 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, dan ma jawtorizzax, jekk xorta waħda jagħżel li jiddivulga komunikazzjoni pubblikament, kif għamel il-Partit Identità u Demokrazija, li jipprovi lill-pubbliku b’informazzjoni mhux preċiża, jew li jrendi inkoerenti u mhux utilizzabbli risposti, anki jekk preċiżi, trażmessi direttament lill-Awtorità.

#### *Konklużjoni*

- (33) Fid-dawl ta’ dak li ntqal iktar ’il fuq, ir-risposti tal-Partit Identità u Demokrazija mibgħuta lill-Awtorità mit-30 ta’ Marzu 2023 dwar il-kompożizzjoni tal-uffiċċju ta’ dan il-partit mis-16 ta’ Frar 2022, li kkunsidrati b’mod individwali jew b’mod globali, ma kinux kompluti u barra minn hekk kienu kontradittorji meta mqabbla mal-komunikazzjoni pubblika dwar l-istess suġġett, jikkostitwixxu ksur tal-Artikolu 24(4) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, moqri flimkien mal-Artikolu 27(2)(b)(iv) ta’ dan ir-Regolament.

#### b) L-Artikolu 27(2)(a)(vi) tar-Regolament

- (34) Id-dispożizzjoni tal-Artikolu 27(2)(a)(vi) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 jipprojbixxi u jissanzjona, *inter alia*, l-għoti intenzjonat ta’ informazzjoni mhux korretta jew informazzjoni qarrieqa.

#### *Osservazzjonijiet introduttivi*

- (35) F’dan ir-rigward, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni il-formulazzjoni u l-objettiv tal-Artikolu 27(2)(a)(vi) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014.
- (36) Il-formulazzjoni fiha żewġ varjanti rilevanti, jiġifieri l-għoti intenzjonat ta’ informazzjoni mhux korretta *jew* l-għoti intenzjonat ta’ informazzjoni qarrieqa. B’hekk, sabiex informazzjoni titqies “mhux korretta”, mhuwiex neċessarju li din tkun ukoll “qarrieqa”. Il-fatt li l-Awtorità ma ġietx imqarraq, kif isostni l-Partit Identità u Demokrazija, għalhekk ma jikkostitwixxi l-ebda ostaklu għall-applikazzjoni tad-dispożizzjoni. Hija ma teħtieġx li jinħolqu xi effett partikolari fuq daww esposti għal tali komunikazzjoni.

- (37) Barra minn hekk, il-formulazzjoni bl-ebda mod ma tirrestrinġi l-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjoni għal trażmissjonijiet diretti lill-Awtorità minħabba li t-terminu "jagħti" informazzjoni mhux korretta – u mhux "jissottometti", li huwa t-terminu użat mir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 għal trażmissjonijiet diretti lil awtorità – jista' jikkonsisti f'komunikazzjoni pubblika, li tagħmel l-informazzjoni disponibbli għall-votanti u għall-pubbliku interessati, speċjalment peress li d-dispożizzjoni ma ssemmix destinatarju partikolari.
- (38) Dan il-qari jikkorrispondi wkoll għall-oġettiv ta' integrità segwit mir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, peress li t-trażmissjonijiet diretti lill-Awtorità mhumiex għan fihom infushom (ara wkoll l-ittra (a) hawn fuq). Fl-aħħar mill-aħħar dawn jikkontribwixxu għall-protezzjoni tal-integrità demokratika u l-informazzjoni għall-pubbliku, inkluż l-elettorat, li għalihom il-kontroll, ir-reġistrazzjoni u, fejn xieraq, il-pubblikazzjoni mill-Awtorità f'konformità mal-Artikolu 32 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 jikkostitwixxu biss għodod. Għalhekk, jekk l-informazzjoni mibgħuta direttament lill-Awtorità f'oqsma li jidħlu fil-kompetenza tagħha, tkun kemm tkun preċiża, tiġi kontradetta minn komunikazzjoni pubblika mhux korretta minn partit politiku Ewropew dwar l-istess suġġett, dan jimmina mhux biss ir-responsabbiltà demokratika tal-partit politiku Ewropew li jirrapporta dwar l-istruttura u l-finanzjament tiegħu, li huwa fil-bażi tat-test leġislativ kollu, kif muri mill-premessa 33, iżda jipperikola wkoll il-kredibbiltà tal-informazzjoni miżmuma mill-Awtorità u b'hekk is-servizzi ta' trasparenza li hi tipprovdi.
- (39) Fl-aħħar nett, għandu jiġi enfasizzat li l-Artikolu 10(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, bħad-dispożizzjonijiet l-oħra tat-Trattati dwar id-demokrazija, iqiegħed liċ-ċittadini tal-Unjoni fiċ-ċentru tal-istruttura istituzzjonali u tad-dibattitu politiku li fih jipparteċipaw il-partiti politiċi Ewropej fil-livell tal-Unjoni. Għalhekk huwa inkonċepibbli li wieħed jasal għal interpretazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 li tqis il-komunikazzjonijiet pubbliċi mill-partiti politiċi Ewropej bħala eżentati mill-projbizzjoni fuq l-għoti ta' informazzjoni intenzjonalment mhux korretta, kif tapplika għat-trażmissjonijiet diretti lill-Awtorità. Fil-fatt, fid-dawl tal-oġettivi tal-partiti politiċi Ewropej stabbiliti fit-Trattati, b'mod partikolari biex jikkontribwixxu għall-formazzjoni ta' kuxjenza politika Ewropea, din il-projbizzjoni tapplika *a fortiori* għall-komunikazzjonijiet pubbliċi mill-partiti politiċi Ewropej, peress li l-effetti dannużi potenzjali tat-tixrid ta' ineżattezza ta' fatt minn partit politiku Ewropew huma aktar immedjati għaċ-ċittadini li ma għandhomx l-għodod ta' kontroll li għandha l-Awtorità. B'hekk, għall-kuntrarju tal-interpretazzjoni li tidher preferuta mill-Partit Identità u Demokrazija fl-email tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2023, l-Artikolu 27(2)(a)(vi) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 jipprojbixxi d-diżinformazzjoni lill-pubbliku minn partit politiku Ewropew fir-rigward tal-karatteristiċi strutturali jew finanzjarji tiegħu u jobbliga lill-Awtorità tissanzjonah jekk jagħmel hekk.

#### *Informazzjoni mhux korretta*

- (40) F'dan il-każ, l-elementi testwali sovrapposti fuq l-istampi fil-pubblikazzjonijiet msemmija iktar 'il fuq fuq il-midja soċjali, li jindikaw li is-Sur [omissis] huwa membru tal-uffiċċju tal-Partit Identità u Demokrazija, huma attribwibbli għall-Partit Identità u Demokrazija (ara, f'dan ir-rigward, l-ittra (a) iktar 'il fuq) u mhumiex korretti fid-dati ta' dawk il-pubblikazzjonijiet viżibbli għall-utenti tal-internet. Fil-fatt, fid-dawl ukoll

tal-minuti tal-laqgħa tal-uffiċċju tal-Partit Identità u Demokrazija tas-16 ta' Frar 2022 li waslu wara l-ftuħ tal-investigazzjoni, jidher li s-Sur [omissis] ma kienx membru ta' dak l-uffiċċju fid-dati tal-pubblikazzjonijiet imsemmija hawn fuq, fatt li, barra minn hekk, mhuwiex ikkontestat mill-Partit Identità u Demokrazija.

- (41) Għalkemm il-Partit Identità u Demokrazija ma invokax dan, l-Awtorità eżaminat ukoll *ex officio* jekk dik il-konklużjoni għandhiex tinbidel fid-dawl tal-fatt li ġie nnotifikat lill-Awtorità fl-21 ta' Settembru 2023 li s-Sur [omissis] sar membru ġdid tal-uffiċċju tal-Partit Identità u Demokrazija mit-13 ta' Settembru 2023. Madankollu, dan l-iżvilupp la jbidel il-fatti stabbiliti hawn fuq u lanqas il-valutazzjoni ġuridika tagħhom. Dan l-att ta' organizzazzjoni interna, anki jekk nassumu li twettaq b'mod regolari - li jista' jkun is-suġġett ta' kontrolli ulterjuri mill-Awtorità - jikkonferma l-eżistenza ta' kontradizzjoni bejn il-komunikazzjonijiet pubbliċi preċedenti u dawk indirizzati lill-Awtorità u li l-pubblikazzjonijiet tal-Partit Identità u Demokrazija ma kinux preċiżi. Għalhekk, komunikazzjonijiet preċedenti tal-Partit Identità u Demokrazija mibgħuta direttament lill-Awtorità u lill-pubbliku ma jsirux retroattivament preċiżi jew kompluti, peress li s-Sur [omissis] ma kienx għadu sar membru tal-uffiċċju tal-Partit Identità u Demokrazija fiż-żmien tal-pubblikazzjoni, data li tibqa' viżibbli fil-pubblikazzjonijiet fiż-żmien.

#### *Intenzjonalità*

- (42) Barra minn hekk, f'mument mhux magħruf bejn is-16 ta' Frar 2022 u data li fiha ġiet iffirmata l-ittra tat-28 ta' Settembru 2023 mibgħuta lill-Awtorità mill-president tal-Partit Identità u Demokrazija inkwantu rappreżentant validu tal-istess, il-Partit Identità u Demokrazija ddeċieda li jżomm il-pubblikazzjonijiet imsemmija hawn fuq fuq il-midja soċjali, avolja kien jaf bl-ineżattezza tagħhom fir-rigward tal-kwalità ta' membru tal-uffiċċju tas-Sur [omissis]. Għalhekk għandha tiġi kkonstatata l-intenzjoni tal-Partit Identità u Demokrazija li jżomm il-pubblikazzjonijiet imsemmija hawn fuq *online*. Il-fatt li din l-intenzjoni setgħet inħolqot wara l-pubblikazzjoni inizjali ma jbiddilx is-sitwazzjoni, peress li l-għoti tal-informazzjoni mhux korretta jsir intenzjonali mid-deċiżjoni taż-żamma *online* avolja kien hemm l-għarfien tal-ineżattezza tagħha.
- (43) In-natura intenzjonali ta' komunikazzjoni pubblika mhux preċiża ma tistax tiġi relativizzata minn xi analiżi kwantitattiva kif qed jipprova jagħmel il-Partit Identità u Demokrazija. B'mod partikolari, l-Awtorità ma tistax tqis fl-analiżi tagħha fid-dawl tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 il-fatt li l-pubblikazzjoni mhux preċiża allegatament għandha utilità politika fit-tliet importanti, kif isostni l-Partit Identità u Demokrazija fl-ittra tiegħu tat-13 ta' Lulju 2023, li fiha jafferma li komunikazzjoni mhux preċiża tal-kompożizzjoni tal-uffiċċju lill-pubbliku tagħti lok għal "kważi żero benefiċċji". L-istess japplika għall-allegat nuqqas ta' "ħsara" imressqa fl-email tal-Partit Identità u Demokrazija tat-23 ta' Ottubru 2023. Tali approċċ mhuwiex fil-fatt effikaċi minħabba li huwa inkompatibbli mal-obbligu demokratiku li partit jrendi disponibbli għall-pubbliku l-istruttura deċiżjonali effettiva tiegħu.

#### *Konklużjoni*

- (44) Il-Partit Identità u Demokrazija, billi żamm il-pubblikazzjonijiet imsemmija hawn fuq fuq fuq il-midja soċjali, għalkemm kien jaf li ma kinux preċiżi inkwantu kienu jindikaw li s-Sur [omissis] kien membru tal-uffiċċju, intenzjonalment ipprova informazzjoni

mhux korretta, u b'hekk ġabar flimkien l-elementi kostitwenti tal-Artikolu 27(2)(a)(vi) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014.

c) Insuffiċjenza tal-miżuri korrettivi mħabbra jew allegati

(45) L-Artikolu 29(1) u (2), tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, huwa fformulat kif ġej:

*“Artikolu 29*

*Miżuri korrettivi u prinċipji ta' amministrazzjoni tajba*

*1. Qabel ma tittieħed deċiżjoni finali relatata ma' xi waħda mis-sanzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 27, l-Awtorità jew l-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandhom jagħtu lill-partit politiku Ewropew jew lill-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati l-opportunità li jdaħħlu dawk il-miżuri meħtieġa biex tiġi rrimedjata s-sitwazzjoni fi żmien raġonevoli, li normalment m'għandux jaqbeż xahar. B'mod partikolari, l-Awtorità jew l-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandhom jippermettu l-possibbiltà li jiġu korretti żbalji klerikali u aritmetiċi, li jingħataw dokumenti jew informazzjoni addizzjonali fejn meħtieġ jew li jiġu korreguti l-iżbalji minuri li jista' jkun hemm.*

*2. Meta partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea jonqsu milli jieħdu miżuri korrettivi fiż-żmien imsemmi fil-paragrafu 1, għandha tittieħed deċiżjoni rigward l-impożizzjoni tas-sanzjonijiet xierqa msemmija fl-Artikolu 27. ”*

(46) Jekk l-Awtorità ma tiddisponi minn ebda diskrezzjoni fl-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' sanzjonijiet previst fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, xorta waħda kienet meħtieġa tivverifika minn qabel jekk il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 29(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 ġewx issodisfati qabel ma tiegħu d-deċiżjoni meħtieġa. L-unika każ fejn tali deċiżjoni ta' sanzjoni ma titteħidx huwa meta l-partit politiku Ewropew ikkonċernat ikun ħa, f'terminu raġonevoli li normalment ma jaqbiżx xahar, il-miżuri meħtieġa sabiex tiġi rrimedjata s-sitwazzjoni, skont il-paragrafu 1 ta' din id-dispożizzjoni.

(47) Fl-ittra tagħha tal-14 ta' Ġunju 2023, l-Awtorità, f'konformità mal-Artikolu 29(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, tat l-opportunità li jittieħdu miżuri korrettivi sal-14 ta' Lulju 2023 fir-rigward tal-istess sitwazzjoni oġġettiva li għadha teżisti llum, jiġifieri l-preżenza mhux mibdula tal-pubblikazzjonijiet imsemmija hawn fuq, filwaqt li, skont l-informazzjoni trażmessa direttament lill-Awtorità, is-Sur [omissis] ma kienx membru tal-uffiċju tal-Partit Identità u Demokrazija fid-dati ta' dawn il-pubblikazzjonijiet.

(48) Madankollu, il-miżuri mħabbra mill-Partit Identità Demokrazija fl-ittra tiegħu tat-13 ta' Lulju 2023 irriżultaw ineffikaċi bħala rimedju għas-sitwazzjoni. Fil-fatt, is-sempliċi konferma tal-kompożizzjoni tal-Uffiċċju tal-Partit Identità u Demokrazija fit-13 ta' Lulju 2023 bl-ebda mod ma tirrimedja l-problema li fadal ta' informazzjoni kontradittorja mill-Partit Identità u Demokrazija dwar il-kompożizzjoni tal-uffiċċju tiegħu. Barra minn hekk, it-tħabbir ta' sit web ippjanat ġdid, kif ukoll ix-xewqa li l-partit jiġi professjonalizzat billi introduċa persuna responsabbli biex tiżgura l-preċiżjoni tal-informazzjoni, ma setgħux, waħedhom, u mingħajr ebda indikazzjoni dwar l-iskedi u l-proċeduri għall-kontroll tal-preċiżjoni tal-kontenut, jissuġġerixxu li l-Partit kien irrimedja s-sitwazzjoni. Fl-aħħar nett, il-proposta għal laqgħa mad-Direttur tal-Awtorità tirrappreżenta mod ta' komunikazzjoni bilaterali mal-Awtorità, u mhux

soluzzjoni għall-problemi ta' koerenza fil-kanali tal-komunikazzjoni tal-Partit Identità u tad-Demokrazija diġà multipli, u għalhekk ma żiedet xejn mal-kapaċità tal-Partit Identità u Demokrazija li jesprimi l-fehmiet tiegħu bil-miktub hekk kif l-Awtorità tat l-opportunità li tagħmel. Il-Partit Identità u Demokrazija ma rreagixxix għan-nuqqasijiet identifikati fost l-elementi tal-miżuri ta' rimedju fl-ittra tal-Awtorità tal-11 ta' Settembru 2023.

- (49) Barra minn hekk, ħlief għat-tneħħija tas-sit web preċedenti tal-Partit Identità u Demokrazija, il-miżuri mħabbra jew allegati ma ġewx effettivament stabbiliti fi tmiem l-iskadenza biex isir dan. B'mod partikolari, għall-kuntrarju tal-affermazzjonijiet tal-Partit Identità u Demokrazija fl-ittra tiegħu tat-13 ta' Lulju 2023, il-pubblikazzjonijiet fuq il-midja soċjali ma tneħħewx mill-Partit Identità u Demokrazija. B'hekk, il-Partit Identità u d-Demokrazija jżomm wieħed mis-sorsi ewlenin tal-ksur. Skont l-ittra tiegħu tat-28 ta' Settembru 2023, huwa rrinunċja b'mod definitiv milli tħassarhom jew milli tikkoreġihom.
- (50) F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-Awtorità tista' tikkunsidra biss li l-opportunità li tiegħu l-miżuri meħtieġa biex tirrimedja s-sitwazzjoni f'konformità mal-Artikolu 29(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 intilfet b'mod definitiv. Skont l-Artikolu 29(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, l-Awtorità kellha għalhekk tiegħu deċiżjoni dwar is-sanzjonijiet previsti fl-Artikolu 27 tal-imsemmi Regolament.

d) L-ebda ksur tal-libertà tal-espressjoni

- (51) L-ordinament ġuridiku tal-Unjoni jinkludi sistema komprensiva ta' drittijiet fundamentali. Barra minn hekk, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea hija applikabbli għad-deċiżjonijiet tal-Awtorità fir-rigward tal-partiti politiċi Ewropej, f'konformità mal-Artikolu 51(1) tagħha. L-Artikolu 11(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jiggarantixxi l-libertà tal-espressjoni tal-partiti politiċi Ewropej, li trid tiġi rispettata mill-Awtorità, kif ikkonfermat mill-premessa 2 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014. Madankollu, din il-protezzjoni hija suġġetta, skont l-Artikolu 52(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, għal limitazzjonijiet, bħal dawk stabbiliti mil-leġiżlatur fl-Artikoli 24(4), u l-Artikolu 27 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014. B'mod partikolari, il-libertà tal-espressjoni ma testendix għal dikjarazzjonijiet ta' fatt mhux preċiżi, speċjalment sa fejn huma separabbli minn kwalunkwe kontenut politiku li jgawdi minn livell għoli ta' protezzjoni. F'dan il-każ, l-allegazzjoni li is-Sur [omissis] kien membru tal-uffiċċju tal-Partit Identità u Demokrazija ġiet sovrapposta minn test fuq il-filmati ta' intervent tas-Sur [omissis] u għalhekk it-test ma jifformax parti integrali mill-interventi. B'hekk, il-Partit Identità u Demokrazija seta' jkompli juri s-Sur [omissis] fil-filmati u l-kummenti sostantivi tiegħu, mingħajr madankollu ma jallega li kien membru tal-uffiċċju tal-partit fid-dati inkwistjoni. B'hekk, l-Awtorità tfakkar li l-Partit Identità u Demokrazija nnifsu qies li utli fl-ittra tiegħu tat-13 ta' Lulju 2023 li sempliċiment iħassar il-pubblikazzjonijiet imsemmija hawn fuq, inkluż fuq il-midja soċjali, u li ma jikkoreġihomx, anki jekk eventwalment ma għamel l-ebda waħda minn dawn. Konsegwentement, il-libertà tal-espressjoni tal-Partit Identità u Demokrazija mhijiex miksura la mill-proċedura tal-Awtorità u lanqas mis-sanzjoni konsegwenti.

e) Livell ta' sanzjoni applikabbli

- (52) L-Artikolu 27(4)(a), tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, huwa fformulat kif ġejj:
- “4. Għall-fini tal-paragrafi 2 u 3, għandhom jiġu imposti s-sanzjonijiet finanzjarji li ġejjin fuq partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea:*
- a) f'każijiet ta' ksur mhux kwantifikabbli, persentaġġ fiss tal-baġit annwali tal-partit politiku Ewropew jew tal-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati:*
- 5 %, jew*
  - 7,5 % jekk ikun hemm ksur konkorrenti, jew,*
  - 20 % jekk il-ksur inkwistjoni jkun ksur ripetut, jew,*
  - terz tal-persentaġġi hawn fuq stipulati jekk il-partit politiku Ewropew jew il-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati jkunu volontarjament iddikjaraw il-ksur qabel ma l-Awtorità tkun uffiċjalment fetħet investigazzjoni, ukoll fil-każ ta' ksur konkorrenti jew ta' ksur ripetut, u l-partit jew il-fondazzjoni kkonċernati jkunu ħadu l-miżuri korrettivi xierqa,*
  - 50 % tal-baġit annwali tas-sena preċedenti tal-partit politiku Ewropew jew tal-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati,, meta jkunu nstabu permezz ta' sentenza li jkollha s-saħħa ta' res judicata li jkunu għamli attivitajiet illegali li jkunu ta' detriment għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni kif definiti fl-Artikolu 106(1) tar-Regolament Finanzjarju; ”*
- (53) L-iskala u l-koordinazzjoni tas-sanzjonijiet finanzjarji huma previsti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, skont ċerti ċirkostanzi, f'forma direttament applikabbli u mhux diskrezzjonali. B'hekk, kif tikkonferma l-premessa 31 tal-imsemmi Regolament, il-leġiżlatur implimenta l-prinċipju tal-proporzjonalità.
- (54) F'dan il-każ, l-ewwel nett għandu jiġi kkonstatat, fir-rigward tal-koordinazzjoni bejn is-sanzjonijiet applikabbli skont l-Artikolu 27(2)(a)(iv) u (vi) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, li s-sanzjoni għal aġir intenzjonali li tirriżulta mill-Artikolu 27(2)(a)(vi) hija *lex specialis* li, fid-dawl tal-Artikolu 27(5) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, tassorbi s-sanzjoni li altrimenti kienet tkun dovuta fis-sens tal-Artikolu 27(2)(a)(iv), peress li tikkonċerna l-istess komunikazzjoni pubblika tal-istess allegat membru tal-uffiċċju tal-Partit Identità u Demokrazija.
- (55) Fir-rigward tal-livell applikabbli tal-iskala, u għalhekk il-perċentwali tal-baġit tal-partit politiku Ewropew li jiddetermina l-ammont effettiv tas-sanzjoni, għandu jiġi kkonstatat li, għalkemm seħħew diversi elementi kumulattivi ta' trażmissjoni u ta' pubblikazzjoni mit-2 ta' Marzu 2022, dan il-każ jikkonċerna l-informazzjoni dwar il-bidla fil-kompożizzjoni tal-uffiċċju tal-Partit Identità u Demokrazija fir-rigward ta' wieħed biss mill-membri tiegħu, u għalhekk att globali uniku. Konsegwentement, il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 2(12) tal-imsemmi Regolament mhumiex issodisfatti u s-sanzjoni prevista fl-ellen inc iż tal-Artikolu 27(4)(a), l-ewwel inc iż tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 kif emendat, li tammonta għal 5 % tal-baġit annwali tal-partit politiku Ewropew ikkonċernat, hija applikabbli.
- (56) Bħala riżultat tal-Artikolu 2(9) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, l-ammont attwali li jirriżulta minn din is-sanzjoni jikkorrispondi għall-perċentwal



inkwistjoni applikat għall-ammont totali tan-nefqa għal sena partikolari kif irreġistrat fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali tal-partit politiku Ewropew ikkonċernat. F'konformità mal-Artikolu 23(1)(a) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, il-partiti politiċi Ewropej iridu jissottomettu d-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali tagħhom lill-Awtorità mhux aktar tard mis-sitt xhur wara t-tmiem tas-sena finanzjarja. F'dan il-każ, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali għall-aħħar sena sħiħa disponibbli għall-Partit Identità u Demokrazija huma għalhekk dawk ippreżentati lill-Awtorità fit-30 ta' Ġunju 2023 għas-sena finanzjarja 2022. Il-partit Identità u d-Demokrazija jirrapporta nefqa ta' EUR 940 410,97. Minn dan isegwi li s-sanzjoni finanzjarja ta' 5 % tal-baġit annwali tal-Partit Identità u Demokrazija hija ta' EUR 47 020,54. L-arranġamenti għall-pagament lill-baġit ġenerali tal-Unjoni għandhom ikunu l-oġġett tad-deċizzjonijiet rilevanti tal-uffiċjal awtorizzanti u tal-uffiċjal tal-kontabbiltà responsabbli f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

- (57) Hija r-responsabbiltà tal-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew li jstabilixxi l-konsegwenzi ta' din is-sanzjoni għall-qasam ta' kompetenza tiegħu.
- (58) F'konformità mal-Artikolu 32(1)(g) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/20104, id-dettalji u l-motivi għal kwalunkwe deċiżjoni finali meħuda mill-Awtorità f'konformità mal-Artikolu 27 tal-imsemmi Regolament huma ppubblikati fuq is-sit web taħt l-awtorità tagħha, f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Tiġi imposta sanzjoni finanzjarja fuq il-Partit Identità Demokrazija b'mod konformi mal-Artikolu 27(2)(a)(vi) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014.
2. Il-livell ta' sanzjoni applikabbli huwa ta' 5 % tal-baġit annwali tal-Partit Identità u Demokrazija. L-ammont tas-sanzjoni jammonta għal EUR 47 020,54.

*Artikolu 2*

Il-Partit Identità u Demokrazija, li għandu l-uffiċċju rreġistrat tiegħu fl-indirizz 75 boulevard Haussmann, 75008 Pariġi, Franza, huwa d-destinatarju ta' din id-deċiżjoni.

*Artikolu 3*

It-test ta' din id-Deċiżjoni se jiġi ppubblikat fuq is-sit web tal-Awtorità mingħajr l-ismijiet tal-persuni fiżiċi msemmija fiha.

*Artikolu 4*

L-effetti ta' din id-deċiżjoni jiddekorru mill-jum tan-notifika tagħha lill-Partit Identità u Demokrazija.

Magħmul fi Brussell, fil-25 ta' Ottubru 2023.

*Għall-Awtorità għall-partiti politiċi Ewropej u  
ll-fondazzjonijiet politiċi Ewropej  
Id-Direttur*

Pascal Schonard

Qed tinġibed l-attenzjoni tal-Partit Identità u Demokrazija għall-Artikolu 35 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, li huwa fformulat kif ġej:

*“Dritt ta' appell*

*Deċiżjonijiet meħuda skont dan ir-Regolament jistgħu jkunu s-suġġett ta' proċedimenti tal-qorti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-TFUE. ”*